BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 50**

**IT-TLIETA 20 TA' NOVEMBRU, 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru, 2012, fis-7.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, il-Viċi Sindku Alison Zerafa Civelli u **l-Kunsilliera** Roderick Mamo, Pablo Cachia Belli, u Raymond Balzan.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Is-Sur James Cauchi u s-Sur John Vella

**AGENDA**

1. Tender tas-Soft Areas

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**50/01/01** **<u>Tender tas-Soft Areas</u>**

Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti fejn is-Sur Brian Vella (V&A Services) u Dr. Michael Grech ġew mistieden jintervjenu flimkien mal-Avukat Dr. Luciano Busuttil - l-avukat tal-kunsill.

50/01/02 L-Avukat Michael Grech beda biex irrakkonta fuq dak li ġara mill-2010 'l hawn dwar l-aġġudikar tat-tender KLBO 01/2010.

50/01/03 Dr Luciano Busuttil qal li jrid ikun hemm *letter of acceptance* filwaqt li l-*Bid Bond* li għamel kienet skaduta. Hu żied li kien hemm tibdil min naħa ta' l-awtoritajiet fir-regolamenti tat-tender.

50/01/04 Is-Sur Brian Vella qal li fis-16 t'Awwissu, 2012 hu ġie msejjaħ telefonikament biex jiffirma t-tender u s-Segretarju Eżekuttiv qallu li mhux se jiffirma. Is-Segretarju Eżekuttiv ċaħad u qal li jaf tajjeb ħafna x'għamel hu fis-16 t'Awwissu, 2012.

50/01/05 Is-Sur Vella qal li s-Segretarju Eżekuttiv dam ħafna ma qabbad l-avukat. Dr. Luciano Busuttil qal li hu iddiskuta dan is-suġġett mal-kunsill f'xi Marzu 2012, filwaqt li ġibidlu l-attenzjoni li Vella qabbad l-avukat tiegħu propju illum wara iktar minn sentejn.

50/01/06 Intalbet informazzjoni dwar il-pożizzjoni tat-tender li ħarġet dan ix-xahar u s-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li nġabru żewġ tenders u waħda minnhom diġa ntefgħet fil-kaxxa tat-tenders. It-tender tagħlaq fit-22 ta' Novembru, 2012.

50/01/07 L-Avukat Grech talab lill-kunsill għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-kunsill. Il-Kunsill informa lis-Sur Vella u l-avukat Grech li se jikkunsidra l-pożizzjoni tal-kunsill u jiġu nfurmati fejn wara ħarġu mil-laqgħa.

50/01/08 Fil-preżenza ta' Dr. Luciano Busuttil il-kunsill fetaħ diskussjoni twila fuq il-każ fejn fuq parir ta' l-avukat il-kunsill unanimament iddeċieda li niktbulhom hekk:
"Il-Kunsill qed iżomm ferm mad-deċiżjoni preċedenti (Laqgħa 49) tiegħu pero jikkunsidra eventwali talba għal estensjoni taż-żmien biex tiġi sottomessa l-offerta jekk il-kuntrattur V&A Services ikollu bżonn minħabba iċ-ċikostanzi partikolari.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv